# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 15 ta' Lulju 2025**

**Nru: 13**

**Rikors Nru. 296/2023**

## Megeve Limited

**v**

## Kuraturi Deputati Dr. Martha Mifsud u P.L. Nicolette Aquilina a nom u in rappreżentanza ta' Guy Igal Sachli

**Fil-qosor**

1. Din hija kawża għar-ritrattazzjoni tal-kawża b'numru 1042/2021 CFS, abbażi tal-artikolu 811(a) u 811(b) tal-Kap. 12.

**Kawża b'numru 1042/2021 CFS**

2. Il-kawża b'numru 1042/2021 CFS kienet tikkonċerna *Credit Facility Agreement* li ġie ffirmat bejn ir-ritrattand Guy Igal Sachli ('Sachli') u s-soċjetà Megeve NL BV fit-2 ta' Jannar 2016.[1]

[1] Ara kopja tal-*Credit Facility Agreement* bejn Megeve NL BV u Sachli tat-2 ta' Jannar 2016, f'paġni 20-22.

3. Is-soċjetà ritrattata 'Megeve Limited' ('Megeve')kienet qalet li għaliex Sachli ma ħallasx lura l-ammont miftiehem nfetħet kawża kontra Sachli fl-Israel.

Sachli kien qajjem kwistjoni ġurisdizzjonali u għalhekk infetħet il-kawża binnumru 1042/2021 CFS mis-soċjetà ritrattata, biex tirkupra dak li dehriha li kellha tieħu mingħand Sachli

4. Megeve ppreżentat rikors kontestwali b'talba sabiex il-qorti taħtar kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Sachli fil-kawża skont l-artikolu 931(3) tal-Kap. 12.[2] Il-qorti laqgħet din it-talba fl-10 ta' Jannar 2022, u ħatret lill-avukata Dottor Martha Mifsud u lill-prokuratur legali Nicholette Aquilina Di Noto biex jirrappreżentaw lil Sachli fil-proċeduri.[3] Il-kuraturi maħtura ġew innotifikati bir-rikors ġuramentat u bl-avviż tas-smiegħ fis-27 ta' April 2022,[4] u sussegwentement ressqu risposta ġuramentata fit-28 ta' April 2022, fejn eċċepew li ma kienux jafu l-fatti u għalhekk irriservaw li jressqu difiża sostantivi.

5. Fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2022, Megeve obbligat ruħha li tipprovdi lil Dottor Martha Mifsud kull indirizz li għandha ta' Sachli u dana sabiex il-kuratriċi tkun tista' tagħmel kuntatt ma' Sachli b'rabta mal-kawża. It-tali informazzjoni ngħatat dakinhar lil Dottor Martha Mifsud permezz ta' email.[5] Il-kuratriċi tgħid li pprovat iċċempel u tibgħat messaġġi fuq in-numru tal-mowbajl ipprovdut, iżda la t-telefonati u lanqas il-messaġġi ma bdew jgħaddu lil Sachli. Hija tgħid li bagħtet email fl-20 ta' Mejju 2022 fuq l-indirizz elettroniku pprovdut u bagħtet ukoll ittra (mhux reġistrata) fl-indirizz li ngħatat. Dr Martha Mifsud tgħid li ma rċeviet l-ebda risposta, lanqas dik ir-risposta elettronika li tintbagħat awtomatikament meta l-email oriġinali ma jkunx jista' jintbagħat fuq l-indirizz elettroniku pprovdut.[6]

6. Konsegwentement ġie ddikjarat mit-tali kuratriċi deputata, fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2022, li d-diversi tentattivi tagħha biex tirrintraċċja lil Sachli ma kienux ta' suċċess.[7] Minħabba f'hekk ma tressqet l-ebda risposta ulterjuri jew xi prova min-naħa tal-kuraturi deputati u l-kawża tħalliet għas-sentenza fil-21 ta' Ottubru 2022.

---

[2] Ara r-rikors għall-ħatra tal-kuraturi, fil-proċess allegat b'numru 1042/2021 CFS, f'paġna 29.
[3] Ara d-digriet tal-10 ta' Jannar 2022 għan-nomina tal-kuraturi deputati l-Avukat Dottor Martha Mifsud u l-PL Nicholette Aquilina di Noto, fil-proċess allegat b'numru 1042/2021 CFS, f'paġni 20-21.
[4] Ara n-nota tal-Assistent Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali f'paġna 43A tal-atti tal-kawża.
[5] Ara kopja tal-emails tal-4 ta' Mejju 2022 u tas-16 ta' Mejju 2022, f'paġni 64-65.
[6] Ara l-kontro-eżami tal-kuratriċi Dottor Martha Mifsud, f'paġni 130f-130n.
[7] Ara d-digriet tal-14 ta' Ottubru 2022, fil-proċess allegat b'numru 1042/2021 CFS, f'paġna 50.

7. Fil-21 ta' Ottubru 2022, il-qorti ddeċidiet ir-rikors ġuramentat ta' Megeve bil-mod segwenti:

> i. Tastjeni milli tqis l-ewwel talba tal-kumpannija attriċi biex tipproċedi għas-sentenza mingħajr smigħ skont l-artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex din it-talba ġiet irtirata waqt is-smigħ ta' din il-kawża; u
>
> ii. Tilqa' t-tieni talba tal-kumpannija attriċi u b'hekk tikkundanna lil Guy Igal Sachli jħallasha s-somma ta' USD 50,000 jew €43,110.00, bl-imgħax bit-8% skont il-ftehim tat-2 ta' Jannar, 2016;
>
> iii. Tordna wkoll li l-ispejjeż kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri, jitħallsu kollha kemm huma minn Guy Igal Sachli.[8]

### Il-bażi tat-talba tal-lum

8. Sachli jiċħad li qatt irċieva xi komunikazzjoni mingħand il-kuraturi deputati u jgħid li sar jaf bil-kawża b'numru 1042/2021 CFS biss fis-26 ta' Diċembru 2022, meta ġie nnotifikat b'kopja ntaxxata tas-sentenza b'ittra mibgħuta mir-rappreżentanti legali ta' Meyer Benitah ('Benitah') li jmexxi l-fondazzjoni azzjonista ta' Megeve.[9]

9. Wara li kkonsulta r-rappreżentanti legali tiegħu, Sachli iddeċieda li jiftaħ il-preżenti kawża sabiex tiġi mħassra u ritrattata l-kawża. Sadanittant, Benitah fetaħ kawża fl-Israel sabiex jipprova jenforza s-sentenza Maltija; iżda l-qorti tal-Israel issospendiet il-proċedimenti ta' quddiemha sakemm tiġi deċiża t-talba ta' Sachli għar-ritrattazzjoni.[10]

10. It-tali talba għar-ritrattazzjoni tressqet fil-21 ta' Marzu 2023. F'din id-data, Sachli ,rrappreżentat mill-avukati Dottor Alexander Schembri u Dottor Luana Cuschieri, ressaq rikors ġuramentat fejn talab lil din il-qorti sabiex:-[11]

> i. TIDDIKJARA li jezistu ragunijiet bizzejjed ghar-ritrattazzjoni tal-kawza mibdija permezz ta' rikors guramentat numru 1042/2021 CFS fl-ismijiet Megeve Limited Vs. Kuraturi Deputati Dr. Martha Mifsud u P.L. Nicolette Aquilina a nom u in rapprezentanza ta' Guy Igal Sachli ghall-finijiet u l-effetti tal-Artikolu 811 (b) u/jew (a) u/jew (c) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta);
>
> ii. THASSAR is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-21 t'Ottubru 2022 fl-ismijiet Megeve Limited Vs. Kuraturi Deputati Dr. Martha Mifsud u P.L. Nicolette Aquilina a nom u in rapprezentanza ta' Guy Igal Sachli (rikors guramentat numru 1042/2021 CFS);

---

[8] Ara s-sentenza b'numru 1042/2021 tal-21 ta' Ottubru 2022, fl-ismijiet *Megeve vs Kuraturi Deputati Dr. Martha Mifsud u P.L. Nicolette Aquilina a nom u in rappreżentanza ta' Guy Igal Sachli*, fil-proċess allegat b'numru 1042/2021 CFS, f'paġni 52-57.

[9] Ara l-affidavit ta' Sachli, f'paġni 71-74.

[10] Ara l-affidavit ta' Benitah f'paġni 125-129 u l-kontro-eżami tiegħu f'paġni 130a-130e.

[11] Ara r-rikors ġuramentat tal-21 ta' Marzu 2023, f'paġni 1-9.

iii. TORDNA r-ritrattazzjoni tal-kawza mibdija permezz ta' rikors guramentat numru 1042/2021 CFS fl-ismijiet Megeve Limited Vs. Kuraturi Deputati Dr. Martha Mifsud u P.L. Nicolette Aquilina a nom u in rapprezentanza ta' Guy Igal Sachli;

iv. TGHADDI ghas-smiegh tal-kawza mibdija permezz ta' rikors guramentat numru 1042/2021 CFS fl-ismijiet Megeve Limited Vs. Kuraturi Deputati Dr. Martha Mifsud u P.L. Nicolette Aquilina a nom u in rapprezentanza ta' Guy Igal Sachl wara li r-rikorrent ikun inghata zmien ragonevoli sabiex jipprezenta r-risposta guramentata tieghu;

v. Bl-ispejjez kontra l-kumpanija intimata Megeve Limited, li r-rapprezentanti taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

11. F'dan ir-rikors ġuramentat, ġie spjegat li hemm lok ta' ritrattazzjoni tal-kawża, b'numru 1042/2021 CFS u dana abbażi tal-artikolu 811(b) u tal-artikolu 811(a) u (ċ) tal-Kap. 12:-[12]

**Artikolu 811 (b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili**

i. Bhala fatt, ir-rikorrent qatt ma gie notifikat bir-rikors guramentat promutorju tal-kumpanija intimata Megeve Limited;

ii. Fil-fehma umli tar-rikorrent, fic-cirkostanzi odjerni, ma kellu qatt jintalab, mill-kumpanija intimata Megeve Limited, sabiex jinhatru kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-istess rikorrent gewwa Malta, u dan billi kemm l-Israel, b'effett mill-14 t'Awwissu 1972, u kemm Malta, b'effett mill-1 t'Ottubru 2011, huma marbutin bil-Hague Convention on the Service Abroad of Judicial and Extra-Judicial Documents in Civil or Commercial Matters tal-15 ta' Novembru 1965;

iii. Gjaladarba l-kumpanija intimata Megeve Limited kienet taf min kien ir-rikorrent, u gjaladarba l-istess kumpanija intimata kienet addirittura taf fejn kien jirrisjedi l-istess rikorrent gewwa l-Israel - kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-proceduri odjerni - l-istess kumpanija intimata kienet obbligata li tinnotifika lir-rikorrent tramite l-Ufficju tal-Avukat tal-Istat u skond id-disposizzjonijiet tal-konvenzjoni msemmija;

iv. Dan ifisser illi l-procedura korretta ta' notifika f'dan il-kaz kellha tkun li r-rikorrent jigi notifikat personalment bir-rikors guramentat promutorju tal-kumpanija intimata Megeve Limited, skond id-disposizzjonijiet tal-istess Konvenzjoni, u mhux illi jigu appuntati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-istess rikorrent;

v. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-hatra ta' kuraturi deputati wkoll saret b'mod irregolari u irritwali, billi ma giet ipprovduta l-ebda raguni mill-kumpanija intimata Maegeve Limited ghaliex hija kienet qed titlob il-hatra ta' tali kuraturi deputati fir-rikors promutorju taghha (DOK: D);

vi. Illi in oltre`, waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' Mejju 2022, Megeve Limited, tramite r-rapprezentant legali taghha, obbligat ruhha li tipprovdi lill-kuraturi deputati, l-indirizz tar-rikorrent, permezz ta' nota li kellha tigi ppprezentati fl-atti tal-proceduri fi zmien tlett gimghat minn dik id-data, u dan sabiex il-kuraturi deputati jkunu jistghu jikkuntatjaw lir-rikorrent (DOK: E). Minkejja talli obligazzjoni, Megeve Limited qatt ma pprezentat tali nota fl-atti;

vii. Huwa car, ghalhekk, illi l-process ta' hatra ta' kuraturi deputati ntuza mill-kumpanija intimata Megeve Limited b'intenzjoni malizjuza u qarrieqa, specjalment meta huwa car illi hija kienet taf sewwa sew min hu r-rikorrent u fejn jirrisjedi, tant illi gewwa l-Israel diga` hemm proceduri ghaddejin bejn il-partijiet (DOK: F);

viii. Tant hu hekk illi, sussegwentament ghat-trepass tat-tletin (30) gurnata mid-decizjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili, u cioe` malli skada l-perjodu tal-appell, konvenjentament, il-kumpanija intimata Megeve Limited, tramite l-avukati taghha gewwa l-Israel, baghtet ittra lir-rikorrent sabiex tinfurmah bid-decizjoni li kienet giet moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili gewwa Malta (DOK: G);

[12] Ara r-rikors ġuramentat tal-21 ta' Marzu 2023, f'paġni 1-9.

ix. Fil-fehma umli tar-rikorrent, ghalhekk, hemm lok ghar-ritrattazzjoni tal-kawza billi r-rikors guramentat tal-kumpanija intimata Megeve Limited ma giex notifikat lir-rikorrent, bhala l-parti telliefa, liema rikorrent, ghad li ma giex notifikat, ma deherx fis-smiegh tal-kawza, u dan ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 811 (b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

**Artikolu 811 (a) u (c) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili**

x. Bhala fatt, ir-rikorrent qatt ma kellu relazzjoni guridika mal-kumpanija intimata Megeve Limited;

xi. Fil-fatt, harsa lejn il-Credit Facility Agreement tat-2 ta' Jannar 2016 – li strahet fuqu l-kumpanija intimata Megeve Limited, sabiex ottjeniet is-sentenza tal-21 t'Ottubru 2022 – juri, b'mod mill-aktar car u manifest, illi l-partijiet fuq l-istess ftehim kienu r-rikorrent u Megeve NL BV, ossija: "a company with registered address at Buitendams 519, 3371 BK, Hardinxveld-Giessendam, The Netherlands, registered with registration number 57612501 at the Commercial Register of Rotterdam Chamber of Commerce", ossija mhux il-kumpanija intimata Megeve Limited;

xii. Is-suespost qieghed jinghad f'cirkostanzi fejn:

xiii. Ma tressqet l-ebda prova, quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-atti tal-kawza numru 1042/2021 CFS, li l-allegat kreditu kien gie cedut minn Megeve NL BV a favur tal-kumpanija intimata Megeve Limited;

xiv. Ir-rikorrent qatt ma gie maghrraf, b'att gudizzjarju, bi kwalsiasi cessjoni tal-allegat kreditu, ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 1471 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

xv. Ir-rikorrent qatt ma ta l-kunsens tieghu ghal kwalsiasi cessjoni ta' kreditu bejn Megeve NL BV u l-kumpanija intimata Megeve Limited;

xvi. Is-suespost qieghed jinghad minghajr ebda pregudizzju ghall-fatt illi l-Credit Facility Agreement tat-2 ta' Jannar 2016 lanqas ma gie ffirmat minn rapprezentant legali u guridiku tal-kumpanija Megeve NL BV;

xvii. Fil-fehma umli tar-rikorrent, ghalhekk, hemm lok ghar-ritrattazzjoni tal-kawza billi jidher illi s-sentenza tal-21 t'Ottubru 2022 ittiehdet, mill-kumpanija intimata, bil-qerq u bi hsara ghar-rikorrent u/jew billi wahda mill-partijiet fil-kawza, ossija l-kumpanija intimata Megeve Limited, ma kienitx persuna legittima, u dan ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 811 (a) u/jew (c) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

xviii. ILLI ghalhekk ir-rikorrent ghandu kull interess illi l-kawza numru 1042/2021 CFS deciza nhar il-21 t'Ottubru 2022 tigi ritrattata.

12. Fir-risposta ġuramentata tal-11 ta' Awwissu 2023, Megeve wieġbet hekk:

i. Illi preliminarjament l-azzjoni fir-rigward ta' l-Artikolu 811(c) hija null u bla effett a tenur ta' l-Artikolu 818(1)(d) tal-Kap 12, stante illi s-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti inghata fil-21 ta' Ottubru 2023, filwaqt li t-talba ghal ritrattazzjoni giet intavolata fil-21 ta' Marzu 2023;

ii. Illi t-talbiet tal-Konvenut noe huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi n-notifika tar-rikors guramentat bin-numru 1042/21 CFS sar skont il-ligi inkluz l-Artikolu 187(6) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk l-Artyikolu 811(b) tal-Kap 12 ma tapplikax;

iii. Illi dina l-Onorabbli Qorti u/jew il-kuratur ma qajmu xi kwistjoni dwar il-irregolarita ta' notifika stante li fl-okkju tar-rikors guramentat 1042/21 CFS kien car li Guy Igal Sachli kien resident l-"Israel".

iv. Illi ma hemm l-ebda obbligu biex is-Socjeta Attrici taghmel uzu mill-he Hague Convention on the Service Abroad of Judicial and Extra-Judicial Documents in Civil or Commercial Matters, kif trasportati fi Kap 443. Din il-Konvenzjoni internazzjonali taghti biss mekkaniżmu jekk wiehed jixtieq jinnotifika att ġudizzjarju lil xi persuna jew entità barra mill-gurisdizzjoni tieghu. Ma taghti l-ebda obbligu lil entitajiet Maltin, bhal ma hi s-Socjeta Attrici, sabiex tuża din il-provedura, stante illi l-procedura ta' kuraturi titfa obbligu fuq il-partijiet tal-kawza sabiex tinnotifika jew tinforma l-

Konvenut b'azzjoni hawn Malta. Kif se jiġi pprovat fit-trazzjoni ta' din l-azzjoni kull tentattiv sar sabiex Guy Igal Sachli jiġi kkuntattjat u informat;

v. Illi l-anqas japplikaw l-Artikolu 811(a) u (c) tal-Kap 12 stante illi ma sar l-ebda frodi mis-Socjeta Attrici fl-atti tar-rikors guramentat bin-numru 1042/21 CFS stante illi il-Credit Facility Agreement gie ppreżentat darbtejn. L-ewwel darba mar-rikors guramentat u fl-affidavit ta' Wildheimus Adrianus Woestenburg. B'hekk il-Qorti kienet ben saputa bil-kontenut tal-ftehiem bejn il-Partijiet.

vi. Illi l-Konvenut noe kien ammetta li kellu jhallas permezz ta' email 7 ta' Awissu 2019 u s-Socjeta Attrici kienet gustifikata li tintavola azzjoni a tenur ta' l-Artikolu 167 tal-Kap 12.[13]

13. Fin-nota tal-15 ta' Lulju 2024, Sachli rrinunzja għat-talba ta' ritrattazzjoni msejsa fuq l-artikolu 811(ċ) tal-Kap. 12.[14] B'hekk it-talba ta' ritrattazzjoni hija preżentement ibbażata fuq l-artikoli 811(a) u 811(b) tal-Kap. 12.

**Konsiderazzjonijiet legali**

14. Skont l-artikolu 811(a) u (b):-

> "Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:
>
> (a) jekk is-sentenza tkun ittieħdet bil-qerq ta' waħda mill-partijiet bi ħsara tal-oħra;
>
> (b) jekk ir-rikors ġuramentat ma jkunx ġie notifikat lill-parti telliefa, basta li din il-parti, għad li ma tkunx ġiet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigħ tal-kawża; …"

15. L-artikolu 811 għandu jinqara flimkien mal-artikolu 812, li jipprovdi li r-ritrattazzjoni tista' tingħata wkoll għal sentenza mogħtija mill-qorti tal-ewwel grad li tkun għaddiet f'ġudikat, għall-istess każijiet imsemmija fl-artikolu 811, basta li l-parti b'interess li tkun qed tressaq it-tali talba tkun ġiet taf bil-fatti illi minħabba fihom tkun qed titlob ir-ritrattazzjoni wara li jkun għalaq iż-żmien tal-appell. Skont l-artikolu 818, it-talba għar-ritrattazzjoni għandha titressaq fi żmien tliet xhur li jibdew jgħaddu mill-ġurnata li fiha l-attur ikun sar jaf bis-sentenza fil-każ imsemmi fil-paragrafu (b) jew mill-ġurnata li fiha jinkixef il-qerq, jew jinsab id-dokument fil-każ imsemmi fl-artikolu 811(a).

**Jekk in-notifika kellhiex issir skont il-Konvenzjoni**

16. Sachli jilmenta li, għalkemm Benitah kien jaf l-indirizz residenzjali tiegħu u fil-fatt kien bagħtlu diversi atti ġudizzjarji relatati ma' kawżi oħra li hemm pendenti fl-Israel

[13] Ara r-risposta ġuramentata tal-11 ta' Awwissu 2023, f'paġni 41-42.
[14] Ara n-nota ta' Sachli tal-15 ta' Lulju 2024, f'paġna 142.

hemmhekk, Sachli ma ġiex innotifikat bir-rikors ġuramentat b'numru 1042/2021 CFS f'dak l-indirizz, skont kif inhu rikjest mil-liġi tal-proċedura inkluż il-Konvenzjoni dwar in-Notifika Barra mill-Pajjiż ta' Dokumenti ġudizzjarji u Estraġudizzjarji f'Affarijiet Ċivili jew Kummerċjali, li kienet iffirmata fl-Aja fil-15 ta' Novembru, 1965 (il-'Konvenzjoni').[15] Megeve twieġeb li n-notifika ta' Sachli saret b'mod regolari u li hija ma kellha l-ebda obbligu li tinnotifika lil Sachli skont il-Konvenzjoni.[16]

17. Skont l-artikolu 156(6) tal-Kap. 12, ir-rikors ġuramentat għandu jiġi nnotifikat lill-konvenut, u skont l-artikolu 157, hija r-responsabbiltà tal-attur li jieħu ħsieb li l-konvenut jiġi nnotifikat lill-konvenut ir-rikors ġuramentat, kull affidavit tal-attur u d-dokumenti annessi mar-rikors. Il-metodu ta' notifika fl-esteru jvarja skont il-pajjiż li fih tkun qed issir in-notifika. F'dan il-każ, ir-rikors ġuramentat kellu jiġi nnotifikat fl-Israel (fejn jirrisjedi Sachli). Ġaladarba kemm l-Israel kif ukoll Malta huma firmatarji tal-Konvenzjoni u għaliex, kif ser naraw, il-Konvenzjoni saret parti mil-liġi interna tagħna, in-notifika tar-rikors ġuramentat kellha ssir skont il-metodu stipulat fil-Konvenzjoni, b'mod partikolari fit-tielet artikolu li jiddisponi:-

> "L-awtorità jew l-uffiċjal ġudizzjarju kompetenti taħt il-liġi tal-iStat mnejn joriġinaw id-dokumenti għandu jibgħat lill-Awtorità Ċentrali tal-iStat indirizzat talba konformi mal-mudell anness ma' din il-preżenti Konvenzjoni, mingħajr ebda ħtieġa ta' xi leġislazzjoni jew ta' xi formalità oħra ekwivalenti. Id-dokument li għandu jiġi notifikat jew kopja tiegħu għandu jiġi anness mat-talba. Sew it-talba sew id-dokument għandhom jingħataw doppji."

18. L-artikoli sussegwenti jispjegaw f'aktar dettall x'dokumentazzjoni għandha timtela' u b'liema lingwa u x'għandu jiġi anness u transmess. Issa għalkemm il-Konvenzjoni tgħid li ma hemmx il-ħtieġa ta' liġi jew formalità oħra id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ġew trasposti fil-Kap. 443 (Att dwar ir-Ratifika ta' Konvenzjonijiet dwar Proċeduri Legali). Dan kien, wieħed jippreżumi, għaliex Malta tħaddan it-teorija dualista tal-liġi pubblika internazzjonali. Issa skont l-artikolu 5 tal-Kap. 443, il-konvenzjonijiet, inkluża dik in kwistjoni, għandhom il-forza ta' liġi f'Malta. B'hekk, għall-kuntrarju ta' dak allegat minn Megeve, il-Konvenzjoni ma tipprovdix proċedura li tista' tiġi eżerċitata fid-diskrezzjoni tal-individwu; hija tipprovdi l-proċedura obbligatorja applikabbli għat-trasmissjoni ta'

---

[15] Ara r-rikors ġuramentat tal-21 ta' Marzu 2023, f'paġni 1-9, u n-nota ta' sottomissjonijiet ta' Sachli, f'paġni 131-139.

[16] Ara n-nota ta' sottomissjonijiet ta' Megeve, f'paġni 159-166.

dokumenti ġudizzjarji jew extraġudizzjarji oriġinanti f'Malta għal servizz fi Stat kontraenti (bħal ma hu l-Israel).

19. F'dan il-każ m'huwiex kontestat, bħala fatt, li Sachli ma ġiex innotifikat skont il-proċedura rikjesta mill-Konvenzjoni. Għalhekk, ma jistax jitqies li Sachli ġie validament innotifikat skont il-liġi ta' proċedura.

**Jekk il-ħatra ta' kuraturi kienitx suffiċjenti**

20. Megeve tallega li Sachli ġie fil-fatt innotifikat għaliex il-kuraturi deputati – li nħatru biex jirrappreżentaw l-interessi tiegħu – irċevew l-atti tal-kawża f'ismu, ressqu risposta għan-nom tiegħu u attendew diversi seduti.[17] Sachli jiċħad li qatt irċieva xi komunikazzjoni dwar il-kawża, la mill-kuraturi deputati u lanqas minn Benitah stess, għad li hu u Benitah kienu fil-fatt iltaqgħu diversi drabi waqt li l-kawża b'numru 1042/2021 CFS kienet pendenti.[18]

21. Megeve twieġeb li saru diversi tentattivi mill-kuraturi biex jirrintraċċjaw lil Sachli u li fi kwalunkwe każ, ir-ritrattazzjoni taħt l-artikolu 811(b) m'hijiex possibbli għaliex skont dan l-artikolu, hija eskluża l-possibilità ta' ritrattazzjoni, meta l-parti telliefa – għad li ma tkunx ġiet innotifikata bir-rikors ġuramentat – tkun dehret fis-smigħ tal-kawża. F'dan il-każ, Megeve tgħid li l-kuraturi deputati, li ġew maħtura biex jirrappreżentaw l-interessi ta' Sachli, attendew diversi seduti f'isem Sachli u li għalhekk għandu jiġi kkonsidrat li Sachli attenda għas-smiegħ.[19]

22. Iżda l-ħatra tal-kuraturi deputati biex jirrappreżentaw l-interessi ta' Sachli, u l-aċċettazzjoni tagħhom ta' dan l-inkarigu, ma jneħħux u ma jnaqqsux l-obbligu ta' Megeve, bħala l-parti attriċi, biex tinnotifika lill-konvenut, bl-azzjoni ġudizzjarja. Dana kif ingħad fis-sentenza ta' din il-qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet *HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) vs Valenzia Dr Benjamin et noe* (907/21 GG):-

> "8. Oltre dan, u ghalkemm il-Bank Attur ghazel li jintavola r-Rikors Guramentat in ezami mill-ewwel kontra l-istess kuraturi li kienu gew mahtura fuq talba tieghu meta pprezenta l-ewwel ittra ufficjali kontra l-Konvenut, minn imkien fl-atti ma jirrizulta il-motivazzjonijiet, u l-parametri, ta' dawk it-talba u l-hatra. Huwa minnu li dawk il-kuraturi accettaw l-inkarigu, u assumew l-atti ta' din il-kawza ghan-nom tal-

[17] Ara n-nota ta' sottomissjonijiet ta' Megeve, f'paġni 159-166.
[18] Ara l-affidavit ta' Sachli, f'paġni 71-74.
[19] Ara n-nota ta' sottomissjonijiet ta' Megeve, f'paġni 159-166.

> Konvenut, pero' dan ma jbiddel xejn mill-htiega, ta' natura ta' ordni pubbliku, li l-Konvenut jigi notifikat bl-azzjoni gudizzjarja intavolata mill-Bank Attur skond il-ligijiet vigenti f'Malta, inkluz allura l-Kap. 443 u l-Legislazzjoni Sussidjarja 12.09 fuq citati, biex jigu salvagwardjati b'mod shih id-drittijiet procedurali tieghu.
>
> […]
>
> 11. Illi ghalhekk jirrizulta illi l-kuraturi deputati ghandhom ragun fit-tielet eccezzjoni taghhom meta allegaw li l-hatra taghhom ma saritx kif trid il-ligi u dan ghar-ragunijiet fuq moghtija stante li l-Bank Attur naqas li jsegwi l-procedura korretta qabel talab li jinhatru sabiex jirraprezentaw lill-assenti klijent taghha."

23. Dana ntqal ukoll fis-sentenza ta' din il-qorti (diversament presjeduta) tal-10 ta' April 2019 fl-ismijiet *Associated Supplies Limited (C 2891) vs Kuraturi Deputati* (974/2007 AF)[20] (anki jekk fil-kuntest tar-regolamentazzjoni proċedurali applikabbli fl-Unjoni Ewropea):-

> "Ladarba s-soċjetà ritrattata kienet taf l-indirizz tas-soċjetà ritrattandi ġewwa l-Italja, hija kien imissha innotifikatha skont ir-Regolament 1348/2000, u mhux talbet il-ħatra ta' kuraturi deputati. Isegwi għalhekk li n-nuqqas tas-soċjetà ritrattata milli tinnotifika lis-soċjetà ritrattandi bl-atti taċ-ċitazzjoni numru 421/2005 jammonta għan-nuqqas ta' notifika kontemplat fl-Artikolu 811(b) tal-Kap. 12."[21]

24. B'hekk u peress li ma ġietx segwita l-proċedura dettata mill-Konvenzjoni, ir-rikors ġuramentat b'numru 1042/2021 CFS ma ġiex validament innotifikat lil Sachli. Sentenza mogħtija mingħajr ma' l-att promotur ma jkun ġie nnotifikat hija nulla, u għandha tiġi mħassra u ritrattata skont l-artikolu 811(b) tal-Kap. 12.[22]

## Parti Deċiżiva

Għaldaqstant, din il-qorti qiegħda:-

a. tiddikjara illi, skont l-artikolu 811 (b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta), teżisti raġuni suffiċjenti sabiex tiġi mħassra u ritrattata l-kawża b'numru 1042/2021, deċiża b'sentenza mogħtija minn din il-qorti (diversament presjeduta) fil-21 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet *Megeve Limited vs. Kuraturi Deputati Dr. Martha Mifsud u P.L. Nicolette Aquilina a nom u in rapprezentanza ta' Guy Igal Sachli*;

---

[20] 974/2007 AF, *Associated Supplies Limited (C-2891) vs B'digriet tal-Qorti tad-19 ta' Mejju 2005 gew nominati Dr. Tonio Azzopardi u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjetà estera assenti ABB Power Technologies S.p.A. et*, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, deċiża 10 ta' April 2019.
[21] Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) tat-3 ta' Diċembru fl-ismijiet *l-Avukat Lorraine Schembri Orland noe vs AB*.
[22] *Jane armla Cassar et vs Dr Michael Grech noe*, Qorti tal-Appell (superjuri), deċiża 3 ta' Ottubru 2008; 596/19/2 AF, *Acumum Services Limited (C-57125) v Juris Gulbis u Vividian AG*, Qorti tal-Appell (superjuri), deċiża 11 ta' Marzu 2025.

b. tħassar is-sentenza mogħtija minn din il-qorti (diversament presjeduta) fil-21 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet *Megeve Limited vs. Kuraturi Deputati Dr. Martha Mifsud u P.L. Nicolette Aquilina a nom u in rapprezentanza ta' Guy Igal Sachli* (numru 1042/2021) u tordna r-ritrattazzjoni tal-istess kawża; u

c. tgħaddi għas-smiegħ tal-kawża mibdija permezz tar-rikors ġuramentat b'numru 1042/2021 fl-ismijiet *Megeve Limited vs. Kuraturi Deputati Dr. Martha Mifsud u P.L. Nicolette Aquilina a nom u in rapprezentanza ta' Guy Igal Sachli*.

L-ispejjeż a karigu ta' Megeve.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur